MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2010

Rikors Numru. 36/2003/1

**Jimmy Camilleri (u wara l-mewt tieghu b'digriet tal-Bord tat-3 ta' Dicembru 2009 l-atti kienu trasfuzi f'isem Raymond Camilleri, Rita mart Emanuel Vella, Geraldine mart Johhny Borg, Sandra mart Joseph Vella, Simone mart Herbert Contiu Dorianne mart Andrea Da Vita), John Bezzina, Joe Agius, Vince Camilleri, Thomas Tonna, Santo Tonna, John Tonna, Carmela Borg u b'digriet tal-25 ta' Jannar 2005 l-atti kienu tranfuzi f'isem Maria Camilleri, Nazzarena Mifsud, Joseph Borg, Benedict Borg, Francesca Saveria Borg u Pawlu Borg.**

**vs**

**Anthony Xeureb, Joseph Xeureb, Dominic Xeureb, Karmena Agius, Guza Caruana u Victoria Abela lkoll ahwa Xeureb.**

Il-Bord

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

“Illi l-esponenti huma s-sidien tal-fond numru tnejn (2) Sqaq numru tlettax (13), Triq Santa Lucija, Naxxar, liema fond huwa mikri versu l-kera ta’ ghaxar liri Maltin (Lm10) fis-sena, pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem, f’April u Ottubru ta’ kull sena.

Illi l-fond imsemmi kien mikri originarjament bhala post ta’ abitazzjoni, liema fond qed jintuza sabiex jinzammu fih il-bhejjem, u ghalhekk sar tibdil fid-destinazzjoni tal-fond minghajr il-kunsens tas-sidien.

Illi l-istess fond jinsab fi stat ta’ abbandun, u qed jirrizultaw hsarat konsiderevoli fil-fond in kwistjoni.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu:

1. Jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-fond hawn fuq imsemmi, u cioe’ l-fond numru tnejn (2) Sqaq numru tlettax (13), Triq Santa Lucia, Naxxar u dan ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija

Jipprefiggi zmien qasir u perentorju sabiex l-intimati jizgumbraw mill-fond imsemmi.

Ra r-risposta tal-intimati li tghid:

“Illi d-domandi tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-fond in kwistjoni ma giex mikri bhala fond urban imma ghall-skopijiet agrikoli u ghat-trobbija tal-annimali u ghalhekk dan il-Bord mhuwiex kompetenti rationae materiae u l-intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza ta’ dan il-gudizzju.

Illi l-fond ilu mikri ghand nies l-intimati ghal dawn l-ahhar sittin sena u minn dejjem huma qatt ma kienu jghixu go dan il-fond u dejjem kienu jitqieghdu go fih il-bhejjem u ghadhom irabbu l-bhejjem sal-gurnata tal-lum.

Illi mhux minnu li huma biddlu d-destinazzjoni tal-fond ghax dejjem uzawh kif kien mikri lilhom cioe' ghat-trobbija tal-annimali

Illi mhux minnu li l-fond huwa abbandunat u mhux uzat u jew fil-hsarat. Fil-fatt huwa kurat u rrangat u imbajjad.

Ghaldaqstant l-intimati jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjes kontra tieghu.

Semgha x-xhieda;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi din hija sentenza preliminari dwar l-eccezzjoni sollevata mill-intimati li jsostnu li dan il-Bord mhux kompetenti jisma' u jiddeciedi dwar dan il-kaz stante li l-fond mertu tal-kawza huwa wiehed li kien mikri fl-origini tieghu ghat-trobbija tal-annimali;

Illi min ezami tal-atti jirrizulta li l-Bord, diversament presedut, sema' diversi xhieda li thallew ukoll essenzjalment jiddeponu fuq il-mertu u sahansitra kienu inhatru zewg periti membri tal-Bord biex izommu access u jirrelataw dwar il-kaz;

Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma mibnija fuq il-premessi li l-fond kien mikri originarjament ghal uzu bhala residenza izda ad insaputa tal-istess rikorrenti, l-intimati bdew irabbu l-annimali fih u li dan l-agir jammonta ghal-bdil tad-destinazzjoni tal-fond. L-intimati ma jinnegawx li huma juzaw il-fond ghat-trobbija tal-annimali izda jsostnu li huma qed jaghmlu hekk ghaliex il-fond minn dejjem kien mikri ghal dan il-ghan. Hija l-fehma ta' dan il-Bord illi l-eccezzjoni preliminari ma tistax tkun akkolta u dan ghar-raguni illi l-fatti kif esposti mir-rikorrenti jaqghu fil-mansjoni ta' kawzi li jistghu ikunu proposti quddiemu. L-intimati jistghu, kif effettivament ghamlu, iressqu l-eccezzjoni li l-

fond ma kienx mikri ghal skopijiet ta’ residenza izda ghat-trobbija tal-annimali u imbaghad sta ghal-Bord jiddeciedi dak li ppremettaw ir-rikorrenti hux minnu jew le.

Ghal dawn il-mottivi, l-Bord qed jirrispingi l-eccezzjoni preliminari vantata mill-intimati bi spejjez kontra taghhom;

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------